

ĠERUSALEM:
KAPPELLA
TA' FUQ
IL-KALVARJU

L-Ewwel Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1955 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' mseħbin li, bi ħsieb wieħed ta' talb u ta' għajnuna ta' flus, jifhmu jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għall-ħarsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa tagħna, kif ukoll għat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatiċi tal-Lvant.

**Kif u meta nħolqot.**

Inħolqot, nistgħu ngħidu, mill-bidu tal-Knisja, għax nafu, li xi wħud mill-Appostli ġabru u wasslu flus lill-insara ta' Ġerusalemm. Imma f'sura ta' xirka ġiet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-ħidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u ġiet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li għanija bi kbir ġid tar-ruħ, fis-sena 1894.

Għan ewlieni tagħha hu, li:

a) tgħin bit-talb, bil-flus u bil-ħidma għaż-żamma, għall-kisba u għall-ħarsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) taħdem kemm tista' għax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, għat-tixrid taċ-ċiviltà, għat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u għall-għaqda bejn l-Insara.;

ċ) tgħaqqad Xirka qawwija għal dan il-għan qaddis minn għadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani, li minn 7 sekli ilhom jaħdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imseħbin.**

Imseħbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' għajnuna ta' flus għall-ħtiġijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew għal sena biss, u l-ħlas ikun ta' xelin (1/-), jew għal dejjem, perpetwu, u l-ħlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistgħu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatriċi.**

Huma l-irġiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jiġbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jaħsbu jibgħatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Ġid tar-ruħ mogħti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieħeb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tgħakkis, pellegrinaġġi u għamil ieħor ta' ħniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulġenza Plenarja fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u fil-ħin tal-mewt.

3. Indulġenzi oħra Parzjali huma mgħotija għal kull nhar ta' Ġimgħa.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jħabirku għall-Opra Pija hi mogħtija s-setgħa li jbierku l-Kurċifissi bl-għoti ta' l-Indulġenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Franġisk. (Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa għal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatriċi.**

Indulġenza Plenarja speċjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

L-Ewwel Sena — OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1955 — Għadd 4

## X'FIH DAN IL-GĦADD

San Franġisk u l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 70
In-Nofs Qomor fil-Bandiera Torka ... ... ... ... ... ... ... ... 71
Id-dfin tal-Patrijarki Griegi ... ... ... ... ... ... ... ... 71
Xbieha u Barka tal-Bejatitudini Tiegħu Mons. Patri Albertu Gori, O.F.M.
Patrijarka ta' Ġerusalem ... ... ... ... ... ... ... ... 72

L-Ewwel Taqsima — DAWL

L-Istorja ta' Betleħem ... ... ... ... ... ... ... ... ... 73
Darba kien hemm... xi ħadd ... ... ... ... ... ... ... ... 77
Il-Mewt u s-Serp ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 83

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Fra Elija Grech, O.F.M. ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85
Il-Martri ta' l-Armenja ... ... ... ... ... ... ... ... ... 87
Il-ħarġa ta' fil-għaxija ... ... ... ... ... ... ... ... ... 89

Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 92
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 94

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# SAN FRANĠISK U L-ART IMQADDSA



**SAN FRANĠISK T'ASSISI, mar-Rħieb tiegħu, jara l-ewwel darba lil Ġerusalem.**

*Is-Salib tkellem. Fil-ħemda tal-kappella nofsha mudlama ta' San Damjan, iż-żagħżugħ Franġisku sama' l-kelma ta' l-Imsallab. U għexha. U kmieni biex jgħixuha wħedu tul iż-żminijiet. L-Ordni Serafiku twieled fil-qalb tal-Qaddis mal-kelma ta' Kristu Msallab, u kiber u xtered għad-dell ħanin Tiegħu.*

*U meta fil-qalb kbira tiegħu xegħlet l-Imħabba lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesù, il-Fqajjar ħalla l-Wied ta' Spoleto, ħalla lil Santa Marija ta' l-Anġli, u baħħar lejn l-Art Imqaddsa. Ried kieku jxarrabha bid-demm ta' qalbu ħanina biex juri kemm iħobb lil Ġesù tiegħu. Iżda l-Mulej kien għażillu triq oħra.*

*Għad-dehra ta' l-Art Imqaddsa, il-Qaddis, miġbud minn qawwa barranija, tbaxxa ma' l-art u biesha. Dik l-art mirfusa minn Bin Alla nnifsu kienet għalih ta' l-akbar għożża. U biesha u reġa' biesha.*

*Wara li żar il-postijiet imqaddsa, wara li ra b'għajnejh l-għar fqajjar ta' Betlem u l-għolja tal-Kalvarju, il-Qaddis reġa' lura lejn Assisi. Iżda f'sidru ħa miegħu mħabba ġdida. Ġieb miegħu mill-Art tal-Fidwa ż-żewġ imħabbiet kbar li jfakkru l-bidu u l-milja tal-Ħelsien tagħna.*

*L-Imħabba lejn Betlem ġiegħlitu jagħmel l-ewwel presepju ta' Greccio. Il-Bniedem-Alla taħt is-sura ħelwa ta' tarbija seraq il-qlub tal-kotra. Mhux aktar dak il-Kristu, imħallef aħrax, li pinġewh qablu lill-kotra l-eretiċi. Kristu tarbija ħelwa! Franġisku, bl-imħabba lejn Ġesù Tarbija, ressaq il-qalb tal-midneb lejn il-qalb ta' Ġesù ħanin. U saret il-bidla. Il-bniedem beka ħtijietu* ***u żernqet*** *fuqu x-xemx tas-sliem u l-faraġ.*

*Iżda l-Qaddis ma waqafx quddiem il-presepju. Il-presepju kien l-ewwel tarġa li tellgħetu fuq l-għolja tħammar tal-Fidwa. Ġesù Msallab, li l-Qaddis tgħallem iħobb aktar wara ż-żjara tiegħu fl-Art Imqaddsa, sar it-tokk ta' ħajtu. Fi Kristu għeri u jqattar id-dmija, sab l-aqwa kenn għall-qlub midinba. Fi Kristu Msallab sab l-oħla faraġ tiegħu. U meta, imqanqal bl-akbar imħabba, tela' l-għolja tal-Verna biex fil-ħemda jaħseb fuq it-tbatijiet ta' l-Imgħallem Divin tiegħu, Kristu tah l-aqwa għotja Tiegħu. Il-ġrieħi tal-Kurċifiss saru l-*

*ġrieħi ta' Franġisku. Minn ġismu safi nixxa d-dmija. L-imħabba bidlitu fi Kristu ieħor u ħaslitu bid-demm tal-Fidwa.*

*Mhux ta' b'xejn li l-Art Imqaddsa kienet il-mimmi ta' għajnejn San Franġisk. U meta wliedu daħlu fl-Art Imqaddsa, qalbu ferħet għax kien jaf li f'uliedu l-Art ta' Ġesù, ikollha għassiesa qalbiena, erwieħ kbar li ma jistmellux icarcru demmhom għall-Fidi mqaddsa. U sal-lum l-ispirtu tal-Fqajjar ta' Assisi għadu jinħass jiġġerra mat-toroq ta' l-Art Imqaddsa, iħeġġeġ lil uliedu biex jissuktaw igħassu bla biża' l-wirt imbierek tal-Kristjanità li l-Knisja Omma ħalliet f'idejhom.*

ID-DIREZZJONI.

*Nhar il-Pjagi ta' San Franġisk, 1955.*

---

## IN-NOFS QAMAR FIL-BANDIERA TORKA

Ħafna nies jemmnu li n-Nofs Qamar huwa l-egħliem tal-Misilmin. Dana ma hux minnu. Il-Misilmin ħadu l-egħliem tan-Nofs Qamar minn Bisanzju, li wara ssejħet Kostantinopli, meta daħlu fiha fis-sena 1453. Il-ġrajja li din il-belt ħadet in-Nofs Qamar bħala egħliem tagħha, ġrat fi żmien Filippu re tal-Maċedonja (359-336 Qabel Kristu), jiġifieri xi elf sena qabel ma deħru fid-dinja l-Misilmin. Il-biċċa kienet hekk:

Filippu re tal-Maċedonja (missier Skandar Bu-Qarnejn) kien ilu ħafna jitħabat ma' Bisanzju u ma setax jirbaħha, għax in-nies tagħha kienu jħarsuha tajjeb minn fuq is-swar. Darba waħda kien lejl imsaħħab u Filippu wissa lill-ġenerali tiegħu biex jagħtu salt lil Bisanzju fid-dlam tal-lejl. Kif is-suldati kienu qegħdin jinġabru qrib is-swar, bla ħoss ta' nemla, is-sħab inferaq u deher il-qamar, u n-nies ta' fuq is-swar raw x'kien qiegħed isir. Bdew iwaddbu vleġeġ bli ħniena u s-suldati ta' Filippu ħarbu.

Hekk il-qamar kien ħeles lin-nies ta' Bisanzju mill-jasar tal-Maċedonji u biex juru kemm jafulhulu, qegħdu xbiha tiegħu fil-bandiera tagħhom.

---

## ID-DFIN TAL-PATRIJARKI GRIEGI XIŻMATKI

Il-Qassisin tar-Rit Grieg, iħallu xagħarhom twil, *alla Nazarena,* jiġifieri ma jaqtgħuh qatt. Il-Patrijarka tagħhom aktar ma jkollu xagħru twil, aktar ikun maħbub u meqjum min-nies tiegħu. Għax hemm ħafna li jaħsbu li aktar ma jikber xagħru, aktar ikun għaref u qaddis. Mela, malli l-Patrijarka jagħti l-aħħar nifs ta' ħajtu, l-ewwel ħaġa li jagħmlulu hi li jomxtulu xagħru u jqegħduhulu sewwa fuq kitfejh. Imbagħad ilibbsuh l-ilbies imqaddes u f'rasu jqegħdulu t-Tjara, u ktieb żgħir ta' l-Evanġelju bejn idejh, u kif ikun hekk iqegħduh bilqiegħda fuq siġġu u jorbtuh miegħu sewwa biex ma jaqax.

Joħorġuh mid-dar tiegħu, u hekk imlibbes u bil-qiegħda, joħduh il-knisja bil-purċissjoni. Malli jaslu l-knisja iqegħduh taħt it-tron u n-nies kollha jgħaddu minn quddiemu, jagħtuh l-aħħar tislima.

Imbagħad isirlu l-funeral u mlibbes kif għedna, jeħduh lejn il-qabar. Il-qabar ikun kamra żgħira fil-ħajt, bħal niċċa, u jqegħduh ġewwa fiha bis-siġġu b'kollox u jagħlqu l-bieb bil-ġebel u jkaħħluh, fost is-skiet tan-nies li jkunu marru jarawh.